# Festa S.S.M.U. Salvatur Ħal Lija 2014





minn Mario Fenech

Ir-raħal ta' Ħal Lija din is-sena bir-raġun kollu qiegħed jiċċelebra bil-kbir l-anniversarju li jfakkar għeluq il-150 sena minn meta l-istatwa titulari tas-S.S.M.U. Salvatur waslet biex tibqa' fil-knisja parrokkjali.

Meta l-istatwarju Karlu Darmanin kien ġie mqabbad mil-kappillan ta' dak iż-żmien Dun Salv Parnis biex jagħmel din l-istatwa, huwa kien ippreżenta l-abbozz tiegħu f'konkors li kien sar biex tiġi magħżula l-istatwa li kellha ssir.



Darmanin ġie magħżul għal dan ix-xogħol l-ewwel nett għaliex il-mod li bih wera kif sew juri lis-S.S.M.U. Salvatur waqt it-Trasfigurazzjoni fuq il-muntanja Tabor kien wieħed ferm espressiv, u t-tieni għaliex huwa kien qiegħed jagħmel kbir għalih permezz tax-xogħol li kien qiegħed jagħmel kemm għall-knejjes kif ukoll għall-armar ta' barra.

Mill-abbozz oriġinali ta' Darmanin tneħħew it-tliet Appostli għaliex kien jidher li kienet ser tkun goffa u tqila wisq biex tinġarr waqt il-purċissjoni.

Minn meta waslet fil-knisja 150 sena ilu sal-lum din

l-istatwa baqgħet issaħħar lil kull min joqgħod iħares għal ftit tal-ħin lajha.

Il-figura tas-S.S.M.U. Salvatur timpressjonak bil-ġmiel tagħha. Filwaqt li ż-żewġ figuri ta' Mose u Elija jikkumplimentaw tajjeb ferm mal-figura tan-nofs.

F'dan ix-xogħol l-istatwarju kellu diffikultajiet kbar, għaliex ngħiduha kif inhi, mhux ħaġa faċli li toħloq xena fejn trid tirrakkonta permezz ta' statwa ġrajja mhux tas-soltu li seħħet darba biss u tant mijiet ta' snin ilu.

Il-poplu tar-raħal ta' Ħal Lija rabat wisq qalbu ma' din l-istatwa, dan jidher sew meta wieħed iħares lejn l-opri sbieħ li saru matul is-snin biex din titkompla tissebbaħ.

IL-pedistall li qiegħed iżomm fuqu lill dawn it-tliet figuri fuq sħaba kbira huwa wieħed sabiħ u eleganti ħafna mingħajr tiżjin żejjed, b'hekk tinżamm l-armonija artistika li tinħtieġ li jkollha din l-opra artistika li ħadem Darmanin.

Il-bradella tal-istatwa tas-S.S.M.U. Salvatur inħadmet fis-sena 1926 fil-Birgu mill-imgħallem Vinċenzo Vassallo. Id-disinn tagħha għamlu l-perit Alfred Zammit minn Ħal Lija. Xogħol mill-isbaħ ornat b'numru ta' kolonni skulturati fl-injam, u xogħol bir-reqqa ta' interzjar fl-injam.



Fuq il-bankun waqt il-jiem tal-festa jintramaw sett t'erba gastri tal-fidda bil-fjuretti tal-ganutell fihom filwaqt li l-girlanda pariġġ il-ganutell tal-fjuretti tintrama fuq il-pedistall.

Din hija statwa titulari unika fil-gżejjer maltin. Statwa mill-isbaħ li l-poplu ta' Ħal Lija din is-sena qiegħed bir-raġun jiċċelebra l-150 sena mill-wasla tagħha fir-raħal sabiħ ta' Ħal Lija.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.